# Mro Raffaele Ricci (1839 - 1904)



Il-Professur Kavallier Raffaele Ricci twieled f'Napli, l-Italja, fid-19 ta' Novembru 1839 u kien miżżewweġ darbtejn. L-ewwel mara kienet Emelia née Marinelli u kellhom wild li jismu Gustav. Fit-tieni żwieġ tiegħu mas-Sinjura Maria née Bossi, huma kellhom tliet ulied oħra, Lucia li kienet iddoqq il-pjanu, Suor Merina li kienet iddoqq l-arpa u Raffaele. Is-Surmast Ricci kien il-kopjista tal-kompożitur kbir Mro Giuseppe Verdi u kien Maestro di Cappella tal-Vatikan.

Meta ġie Malta mill-ewwel beda jinvolvi ruħu mal-baned Maltin li kienu qed jibdew. Filfatt fl-1899 laħaq Surmast Direttur tal-Banda Duke of Connaught's Own, fi żmienu magħrufa bħala Società Filarmonica Sant'Elena. Hu dam f'din il-kariga sal-1904. Ricci kien joqgħod il-Ħamrun f'numru 19, Triq id-Duluri. Fl-1900 ikkompona l-Inno di Gloria a Sant'Elena Imperatrice (l-Innu l-Kbir) fuq versi tal-Kanonku Dun Ġwann Buġeja u li kiseb popolarità kbira u għadu jindaqq f'kull okkażjoni tal-festa sal-lum il-ġurnata. Fit-18 t'Awwissu 1900, fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Liena, is-Surmast Ricci ġie rregalat ċurkett famuż b'sinjal ta' stima.

Lejlet il-festa tas-Salib Imqaddes tas-sena 2000, il-Banda Duke of Connaught's Own esegwiet Akkademja vokali u strumentali fil-Bażilika Elenjana, fejn fost l-oħrajn il-banda esegwiet l-Inno di Gloria a Sant'Elena ta' Mro Raffaele Ricci, f'għeluq il-mitt sena minn mindu sar il-kompożizzjoni ta' dan l-Innu. F'din l-okkażjoni nkixef bust tal-istess Mro Ricci maħdum mis-saċerdot Karkariż, u preżentement Direttur Spiritwali tas-soċjetà, il-Kanonku Dun Jesmond Grech. Dan il-bust inkixef min-neputi ta' dan l-eks-Surmast Direttur tal-Banda, Gustav Ricci fil-preżenza tal-familjari Taljani li ġew apposta Malta. L-innu kien esegwit mill-banda bis-sehem tat-Tenur Elia Cassar u l-baritonu Joe Huber, flimkien mal-Kor Ommna Reġina tal-Paċi ta' Birkirkara.

Mro Raffaele Ricci kkompona diversi marċi, marċi proċessjonali u sinfoniji li għadhom miġbura b'għożża kbira fl-arkivju tas-soċjetà. Kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Prince of Wales tal-Birgu, dak iż-żmien magħrufa bħala Banda Duke of York's Own. Is-Surmast Ricci miet fl-1904 u l-baned li hu kien Surmast Direttur tagħhom, ħadu sehem fil-korteo funebri mill-Ħamrun saċ-Ċimiterju tal-Addolorata bil-mixi, fejn ġie midfun.

*(meħud mill-Ktieb "150 Sena Banda – Patrimonju Karkariż, Trawwim Mużikali, Kult Elenjan)*